# GĦAXA MAL-GĦARAB

Jien, li qiegħed nikteb, domt disa' xhur fil-Ġordanja, li hi dik il-biċċa tal-Palestina li taħbat 'il ġewwa mix-xmara tal-Ġordan. Kont ingħallem l-iskola hemm, f'belt ġewwa ħofra bejn l-iġbla, jisimha s-Salt.

F'dak iż-żmien kelli kemm-il darba nitqanna mmur għal għaxa (jiġifieri għaċ-ċena) fid-dar ta' xi wieħed Għarbi. Għax meta xi ħadd għani biż-żejjed li jista' jagħmel *għażima*, kif igħidulha huma, jistiednek, jeħtieġlek tmur; għax jekk ma tmurx, tkun għamiltlu għajb kbir, u jieħu għalih wisq.

Il-għażmiet li kont fihom jien, kienu qishom kollha xorta waħda. Għalhekk, jien, hawn, ma nsemmix għażima waħda li kont fiha, imma nikteb fil-qosor biex ingarrab li nfiehem din il-għażima ta' l-Għarab kif tkun.

* * *

Inti tisma' min-nies li l-flien sa jagħmel għażima, ingħidu aħna, nhar il-Ħadd fil-għaxija. Tkun qiegħed id-dar għal xogħlok meta f'daqqa waħda, xi nofs siegħa fuq inżul ix-xemx, nhar il-Ħadd, tisma l-bieb iħabbat. Tmur tiftaħ. Issib wieħed minn ulied il-flien li għedna, b'fanal mixgħul imdendel f'idu, igħidlek: "Tfaddal għal darna!" (Ejja d-dar tagħna).

Għal xejn traħħamlu li ma tistax tmur, għax tħossok ftit ħażin; għax għandek x'tagħmel ħafna; u dan. Le. Jaqbdek minn idek, jiġbdek, u trid u ma tridx, ikollok tmur.

Tmur qail, qail, wara dak li ġie jistiednek. Tasal id-dar. Tidħol. Issib miġemgħa rġiel f'għorfa mdaqqsa, bil-qegħda fuq imtieraħ fl-art, b'daharhom mistrieħ mal-ħajt. Isselmilhom: "Imissikom bil-ħajr!" Kollha jqumu u jwiġbuk: "Imissik bil-ħajr u l-għafja!" u tiħdilhom b'idhom wieħed, wieħed, tibda minn sid id-dar. Imbagħad toqgħod bil-qegħda fl-art, fuq il-mitraħ int ukoll, u joqgħodu wkoll huma. Toqgħod b'saqajk imsallbin taħtek, jew immattrin quddiemek, jew waħda mmattra u waħda mkemmxa, kif jogħġbok. Wieħed minn tad-dar inewwillek *finġân qaħwa*, jiġifieri kikkra kafè (il-kikkri tagħhom għamla ta' skutella żgħira, bla widna; drabi tara xi waħda bħalhom hawn Malta), bla zokkor, u sigarrett. Toqgħod tixrob il-qaħwa naqra, naqra, u ddaħħan, u titkellem ma' ta' ma' dwarek.

Wara ftit jerġgħu jgħaddu l-qaħwa u s-sigarrett, u jibqgħu sejrin hekk sa ma jinġemgħu l-mistednin kollha. Sa fl-aħħar, meta kulħadd ikun inġabar, iġibu inċirata kbira (huma igħidulha *mxemmgħa*), u jifrxuha fl-art. Iġibu ftajjar tal-ħobż (ftira minn dawk igħidulha *rgħif*) u jqegħduhom waħda ma' ġenb l-oħra f'tarf l-inċirata. Iġibu l-imgħaref u iqegħduhom imgħarfa fuq kull ftira. Iġibu dixx jew tnejn maħxi kusa, u dixx jew tnejn maħxi milfuf, għal daqs kemm ikun hemm mistednin (*maħxi kusa* ikun donnu qara' bagħli tawwali, imħaffer minn ġewwa u moħxi bir-ross imgħolli u laħam tal-ħaruf imqatta' rqiq. *Milfuf* jiġifieri weraq tari tal-kaboċċi, bir-ross imgħolli u l-laħam, bħal kusa, mibrum ġewwa fih, donnhom sigarri. Sewwa l-kusa kemm il-milfuf igħalluhom f'kemm-kemm ilma fuq nar bagħti). Xi erba' dixxijiet ross imgħolli bix-xaħam tal-ħaruf imdewweb mirxux fuqu. Ħafna żibdijiet, bħal skutelli, bit-toqlija, u ħafna oħra bil-leben (*leben* ikun ħalib qares magħqud, donnu baqta, imma aktar merħi minnha). U batja, bħal keffa tal-ħut ta' l-għewwied, mimlija u mburġata bil-laħam tal-ħaruf imgħolli fil-ħalib u mqatta żgħir. Żjar jew buqari bl-ilma u tazzi ma' ġenbhom. Imbagħad

iqum kulħadd, u tnejn minn ulied id-dar jiġu bil-buqar ta' l-ilma, friskatur, u xugaman (biex ma ngħidx: żir, żirġla u ħarqa) biex min irid jaħsel idejh.

Meta kollox ikun imħejji, sid id-dar igħid "Itfaddlu!" u kulħadd joqgħod bil-qegħda ma' dwar l-imxemmgħa, jew inċirata. Jekk ikun hemm xi qassis jew xi ħadd belti, iġibulu mħadda jew tnejn biex joqgħod fuqhom. L-oħrajn joqgħodu b'saqajhom imsallbin taħthom jew kokka fl-art. Iġibu xi ħarqa — drabi nadifa u drabi ftit maħmuġa — u jifirxuha fuq irkubtejn il-mistednin beltin.

Jibda l-ikel. Tieħu ftit toqlija jew leben bl-imgħarfa minn ġewwa l-bieqja ta' quddiemek, tixħetha fid-dixx tar-ross, tħawwadha ftit, tarfa' r-ross li ħawwadt bl-imgħarfa, u tieklu. Tibqa' tagħmel hekk sa kemm jogħġbok. Imbagħad hemm ukoll il-maħxi. Dan jeħtieġlek tieklu b'idek. Taqbad maħxija b'żewġt iswaba, jekk tkun tal-milfuf, tixeħtha kollha f'ħalqek, għax tkun żgħira, imma jekk tkun kusa jkollok titqanna tikolha f'żewġ gidmiet jew tlieta. Hemm il-laħam tal-ħaruf, imqatta' qatgħat żgħar. Taqbad qatgħa u tikolha b'nitfa ftira, li taqtagħha b'subajk, għax skieken ma jidhrux. Ilma tixrob kull meta trid, u kull meta trid ukoll timsaħ subgħajk jew ħalqek fil-ħarqa ta' fuq irkubtejk.

Meta l-mistednin jeħilsu mill-ikel, iqumu. Li jibqa' żejjed mill-ikel, jitgħadda minn taħt purtiera għal naħa oħra ta' l-għorfa, fejn ikunu hemm in-nisa tad-dar mistoħbijin. Hemm, f'rokna ta' l-għorfa, tara minsub fuq xi banketta *seder*, jew dixx ċatt tal-ħadid, bil-ħelu. Il-ħelu jkun *knëfe* jew *baqlâwe*. Knefe tkun bħal tarja ħelwa, imgħollija u mqegħda fuq biċċiet irqaq tal-ġobon. Baqlawe, hu għaġin ħelu midluk bil-għasel jew zokkor imdewweb u mibrum, u terġa' bil-għasel imsawwab fuqu. Ma' ġenbu jkun hemm ukoll iż-żewġ subien tad-dar, wieħed biż-żinġla u l-ieħor bil-ħarqa u l-ilma fil-buqar, biex jaħslu idejn il-mistednin.

Il-mistednin joqgħodu hemm ftit ieħor, idaħħnu xi sigarrett, jitħaddtu u jixorbu l-qaħwa. Imbagħad wieħed, wieħed, jieħdu b'id sid id-dar, isellmu u jitilqu qajl, qajl.

ELSIE.

---

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*Żjarat lill-Art Imqaddsa.* — Żmien is-sajf li għadda, marret kotra kbira ta' nies iżżur l-Art Imqaddsa, minn kull naħa tad-dinja; minn Franza, Italja, Belġju, Ġermanja, Ingliterra, Awstrija, Spanja u ż-żewġ Amerki. Ta' min isemmi żjara ta' 425 f'daqqa, studenti tas-Sorbona. U 30 Russu, li ngabru flimkien minn Franza, Belġju u l-Eġittu.

*Il-Ġurdan.* — Fl-Amerka hemm tiġrì xnija li l-Lhud tal-Palestina bi ħsiebhom jagħalqu x-xmara tal-Ġurdan u idawwru l-ilma tagħha biex isaqqu l-wetgħa ta' Esdrelon, li hi raba tajjeb imma nieqes mill-ilma.

*Il-Bażilka l-Ġdida ta' Nazaret.* — Xirka ta' periti minn Ravenna (Italja), marru Nazaret biex jistħarrġu jekk hemmx xi egħrien kbar taħt l-art fejn sa tinbena l-Bażilka. Niżżlu l-għodda tagħhom aktar minn ħamsa u għoxrin metru. Ma nsabux egħrien taħt l-art, għal hekk il-Bażilka tista' tinbena bla ebda biża'.

*Belt il-Milied.* — Qiegħed jinħaseb